MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2005

Numru. 18/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

v

**PASCHALINO CEFAI**

**Seduta ta' llum, 13 ta' Settembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PASCHALINO CEFAI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin l-mejjet Joseph u Theresa nee Saliba, imwieled H'Attard, Malta t-tlettax ta' Dicembru 1979 u residenti 24, Triq l-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-

karta tal-identita` numru 52480M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-sittax ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' wara nofsinhar fiz-Zebbug, Ghawdex, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjueg haddiiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'karozza tal-ghamla Ford Escort, vann li jgib in-numru ta' registrazzjoni FBG 872 ghad-dannu ta' Joseph Portelli miz-Zebbug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara huwa ta' izjed minn hames mitt lira maltin, ghamel hsara f'mutur tal-ghamla Honda XR 600 bin-numru ta' registrazzjoni KBC 459 ghad-dannu ta' Lewis Vella miz-Zebbug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara jiskorri l-hamsin lira maltin izda ma jiskorrix l-hames mitt lira maltin u ghamel hsara wkoll f'karozza tal-ghamla Citroen Xantia li ggib in-numru ta' registrazzjoni KAT 794 ghad-dannu ta' John Galea miz-Zebbug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara ma jiskorriz l-hamsin lira maltin;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Marzu 2005 a fol 89.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Marzu 2005 [fol 90].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2005.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-erbgha ta' Awissu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 17] fejn qal li nhar s-sittax ta' Marzu 2004, ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' wara nofsinhar, hu kien gie nfurmat minn PS 1424 Mario Xiberras li kien hemm x'incident tat-traffiku fi Triq Ghajn Melel, z-Zebbug, Ghawdex bejn vettura u ziemel. Hu mar fuq il-post u ra vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872 ipparkjata fi Triq Ghajn Melel thares fid-direzzjoni tal-pjazza taz-Zebbug li kellha hsarat fuq il-bonnet u li kellha l-windscreen taghha mifquh.

Qal li fuq il-post kien hemm l-imputat li mar fuqu u qallu x'kien gara u cioe li hu kien ghaddej biz-ziemel tieghu fl-imsemmija triq meta f'hin minnhom ta daqqa t'ghajn minn wara spalltu u ra l-vettura ta' Joseph Portelli miexja warajh. Paschalino Cefai kompla jghidlu li sema din il-vettura gejja b'certu velocita u li baqa diehel fih u tajjru b'kollox u spicca mal-art. L-imputat kien qallu wkoll li hu pprova jqum biex jerga jiehu kontroll taz-ziemel pero z-ziemel naffar u telaq jigri. L-imputat kompla jghidlu li fl-istess hin ra lis-sewwieq tal-vettura Joseph Portelli, li hareg ghalih b'revolver tar-romblu ta' kulur iswed u minhabba f'hekk hu telaq jigri u mar go pet shop fil-vicin. Spjegalu wkoll li kien xi sitt metri boghod minn fejn gara l-incident u fejn kien hemm vettura wieqfa, u hu dahal gewwa w ghalaq il-bieb. Ikkonfermalu wkoll li Joseph Portelli baqa jigri warajh hemmhekk pero minhabba li sab il-bieb maghluq beda jaghti fuqu biex jipprova jifthu pero milli jidher tal-hanut qallu biex ma jaqlalux inkwiet u Joseph Portelli dar lura u telaq hdejn il-vettura. Stqarr wkoll li kien hu li cempel lil Pulizija.

Ix-xhud kompla jghid li meta hu kien l-Ghassa, ingieb Joseph Portelli quddiemu li qallu li fil-fatt kien l-imputat li kif rah miexi warajh, waqqaf z-ziemel, nizel b'xi mod dawwar iz-ziemel kontra u naffu u telqu ghal fuq il-vettura li kien qed isuq hu. Qal li wara Joseph Portelli kien irrilaxxja stqarrija wara li nghatatlu s-solita twissija. Joseph Portelli kien qallu li veru mar jigri wara l-imputat fil-

pet shop pero revolver romblu f'idejh ma kellux u li x'aktarx li f'idejh kellu wheelbrace tal-vettura u li meta ra li ma setghax jidhol fil-hanut, dar lura mar hdejn il-vettura li kien qed isuq u cempel ghal Pulizija minn hemmhekk.

Qal li mill-investigazzjoni li ghamel rrizulta li kien Joseph Portelli li kien cempel l-ewwel lil Pulizija u li wara l-imputat kien hareg mill-hanut u t-tnejn regghu ltaqghu hemmhekk.

Zied jghid li l-imputat imbaghad kien iltaqa ma zijuh u Joseph Portelli qal li beza li ser jergghu b'xi mod jahbtu ghalih u ghalhekk harab jigri lejn il-pjazza.

Ix-xhud qal li hin minnhom Joseph Portelli qallu li stahba fi sqaq u wara hareg u telaq jigri lejn il-pjazza fejn ra karozza tal-Pulziija gejja u rikeb fiha.  Ix-xhud kompla jghid li fil-fatt lil Joseph Portelli nizzluh l-ewwel wiehed l-Ghassa.

L-ispettur Maurice Curmi kompla jghid li wara rega' mar fuq il-post sabiex jikkonstatata l-hsara fuq s-serkin, liz-ziemel ma rahx ghax fuq il-post ma iienx.  Iz-ziemel instab lejn l-Ghasri aktar tard.   Ix-xhud qal li fuq il-vettura, ghalkemm Joseph Portelli kien qallu li tajjru, hu ma ra ebda sinjal tas-serkin jew taz-zebgha tieghu, fuq il-vettura. Fil-fatt fuq il-vetturi l-ohra li meta harab z-ziemel laqat fihom, kien hemm tracci ta' zebgha hamra, pero fuq l-vettura ta' Joseph Portelli ma kien hemm xejn minn dan.

Meta gie muri sitt ritratti markati bhala dokumenti CSH 3 sa CSH 9 esibiti fl-atti [fol 19], x-xhud qal li dawn kienu juru l-hsara li hu ra fuq il-vettura dakinhar tal-incident meta acceda hu personalment fuq il-post.  Spjega li l-marki murija fuq l-istess ritratti kienu assenti fuq il-karozza dakinhar li hu mar fuq il-post.   Ix-xhud qal li wara li hu kien acceda fuq il-post, Joseph Portelli kien qallu li fuq il-mudguard tieghu kien hemm xi xaghar taz-ziemel u li hu kien baghat lil PS 369 Joseph Mizzi sabiex jara jikkonstatax dan.  Ix-xhud zied jghid li PS 1424 Mario Xiberras kien qallu wkoll li kien hemm xi tifel li kkonferma mieghu li l-imputat kien presenti f'dan l-incident u li ra lil imputat jinzel minn fuq z-ziemel.  Qal li hu ma ra ebda

daqqa ta' serkin u li hu kien qabbad lis-Surgent jigbed xi ritratti tas-serkin li esibihom bhala dokument PC u ma ra ebda hsara fuqhom.

Ix-xhud esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat li fuqha gharaf il-firma tieghu, kif wkoll tal-imputat u ta' PS 1424 Mario Xiberras fuq kull faccata, liema stqarrija giet immarkata bhala dokument PS [fol 20]. Esibixxa wkoll tlett ricevuti li gew mmarkati bhala dokumenti "X", "Y" u "Z.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed Joseph Portelli** [fol 26] fejn qal li nhar s-sittax ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, hu kien mar jonsob u kien sejjer lura d-dar. Qal li hu bilfors irid jghaddi minn triq fejn joqghod l-imputat biex imur d-dar. Qal li kull darba li jghaddi minn hemm, l-imputat dejjem jghaddi xi kumment fil-konfront tieghu, pero hu qatt ma ta kazu u dejjem baqa sejjer. Qal li kif wasal d-dar, dahal fil-garaxx fejn kellu l-ghasafar, nehhilhom il-purtiera peress li ried imur r-Rabat, u baqa sejjer 'l hemm.

F'hin minnhom, fit-triq kien ghaddejn l-imputat, rah, hares lejh, hu waqaf, l-imputat waqaf wkoll, l-imputat nizel minn fuq iz-ziemel, dawwru faccata tieghu fi triq one way, u mexxieh xi passi. Qal li x'hin kien fadallu xi ftit metri boghod mill-vettura tieghu, l-imputat canfar liz-ziemel bir-riedni, iz-ziemel ghola fuq il-vettura tieghu u l-imputat telaq minn taht idejh l-kontrol taz-ziemel, l-imputat mar hdejh u beda jkellmu pastas u kien ser jahbat ghalih. Qal li hu beda jiddefendi ruhu u dak l-hin qabad hadida li taqla l-iskorfini tat-tyres. Qal li l-imputat dak l-hin telaq jigri u hu telaq ghal warajh. Qal li l-imputat dahal f-hanut, hu ipprova jiftah l-bieb, tah daqqa lil bieb pero ma rnexxilux jifthu u telaq lura ghal vann u fit-triq cempel lil Pulizija.

Mistoqsi x'ghamel z-ziemel lil karozza x-xhud qal li x'hin l-imputat mexxa liz-ziemel faccata tieghu, x'hin kien qisu zewg metri boghod, l-imputat naffar liz-ziemel bir-riedni, dan ghola u nizel fuq il-vann tieghu. Qal li z-ziemel imbaghad waqa fl-art u kissirlu l-windscreen, l-bonnet, l-mudguard w il-fanal. Ix-xhud qal li kellu ritratti u l-ircevuti

tal-hsara li saret fuq il-vettura tieghu li kien tahom lil Ispettur.

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat xi sena w nofs qabel kien ipprova joqtlu u li kien ghamel gimgha l-isptar u dan meta kien attakkah fil-vann b'furkettun u li kieku ma harabx, l-imputat kien joqtlu. Qal li kemm fuq il-bonnet kif wkoll fuq is-saqaf tal-vann tieghu kien xaghar z-ziemel u anke fl-art, ftit boghod mill-vettura mal-art fuq t-tarmac, kien hemm marki tan-naghal taz-ziemel. Qal li lis-Surgent li kien mar fuq il-post kien indikalu dawn il-marki u li PS 369 Joseph Mizzi kien rahom. Ix-xhud esibixxa xaghar li hu gabar minn fuq il-vettura tieghu li gie mmarkat bhala dokument V.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed PS 1424 Mario Sciberras** [fol 29] fejn qal li nhar s-sittax ta' Marzu 2004, ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, PC 863 kien ircieva telefonata anonima b'lehen maskili fejn talab l-assistenza tal-Pulizija fi Triq Ghajn Melel, z-Zebbug, ghaliex kien hemm xi persuni ser jiggieldu b'xi armi. Qal li ftit wara, PC 816 J. Cassar kien ircieva telefonata minghand l-imputat li fiha qallu li kien jinsab f'pet shop fi Triq Ghajn Melel u kellu bzonn l-assistenza tal-Pulizija ghaliex certu Joseph Portelli kien barra armat. Qal li fl-istess hinjiet kien hemm telefonata ohra minghand Joseph Portelli fejn wkoll talab ghal ghajnuna tal-Pulizija.

Ix-xhud zied jghid li hu flimkien ma xi Pulizija ohra mar fuq l-post u malli waslu fi Triq Ghajn Melel, raw lil Joseph Portelli jigri mid-direzzjoni ta' Marsalforn lejn il-pjazza u xi qraba tal-imputat jersqu lejh u ghalhekk hu qal lil Joseph Portelli sabiex jidhol fil-karozza u lix-xufier PC 1005 Mario Cordina biex jiehdu lejn l-Ghassa. Ix-xhud kompla jghid li hu baqa fuq il-post u meta tkellem mal-imputat dan qallu li Joseph Portelli kien armat u ghalhekk hu informa l-Ghassa tar-Rabat b'dan u sabiex malli jasal l-Ghassa jaghmlulu tfittixija ghal xi arma tan-nar, liema tfittxija saret minn PC 1005 Mario Cordina u PC 816 Cassar li rrizultat fin-negattiv.

L-imputat kien qallu fuq il-post, li hu kien rama z-ziemel ghal habta tal-hamsa, hareg mill-istalla li ghandu fi Triq Skapuccina, u mar jaghtih dawra bis-serkin. Qallu li hu w ghaddej minn Triq Ghajn Melel fid-direzzjoni tal-pjazza biz-ziemel, gie milqut mill-vann ta' Joseph Portelli u hu spicca mal-art w iz-ziemel spicca fuq il-vann. Qal li qallu li Joseph Portelli hareg mill-vann waqt li hu kien ghadu mal-art u x'hin hareg hu qam, ra lil Joseph Portelli sejjer fuqu b'arma tan-nar, b'revolver iswed tar-romblu. Qal li qallu li kif ra hekk, mar jigri f'hanut tal-petshop u sakkar minn gewwa ghaliex beza' minnu. Zied jghid li Joseph Portelli kien ipprova jiftah l-bieb tal-hanut fejn kien imsakkar l-imputat u kien hemm xi nies bhal certu Armando Zammit, Anthony Cauchi, Charlies Farrugia u Maryanne Cini kif wkoll l-mara tas-sid tal-petshop. L-imputat cahad li hu dawwar iz-ziemel fuq il-vann ta' Joseph Portelli. Mistoqsi jekk semghax xi tiri jigu sparati l-imputat qallu "Jien ma nafx bhalissa."

Ix-xhud kompla jispjiega li wara hu kellem lil Josephine Cassar, li tigi l-owner tal-petshop li qaltlu li waqt li kienet wara l-bank fl-istess hanut, semghet lil xi hadd jghid "Gej ghalija b'revolver". Qalet li hi qabdet t-tifla u dahlet 'l gewwa wara l-bank tal-imsemmi hanut flimkien ma Armando Zammit u Maryanne Cini. Qalet li wara marret hdejn il-bieb l-iehor biex tghalqu u rat lil Joseph Portelli fid-dahla tal-veranda taghha u qaltlu biex johrog minn hemm u dan ma kellimha xejn. Qalet li hi regghet marret fil-hanut fejn kien hemm l-imputat u qalilha biex iccempel lil Pulizija ghaliex Joseph Portelli kien sejjer ghalih b'revolver u fil-fatt l-imputat cempel ghal Pulizija hu stess. Qalet li hi fl-ebda hin ma rat lil Joseph Portelli b'xi revolver f'idejh u lanqas semghet xi sparatura izda ratu b'idejh fuq quddiem.

Ix-xhud qal li tkellem wkoll ma Maryanne Cini li qaltlu li hi kienet wiccha 'l gewwa u semghet ghajjat pero m'gharfitx min kien qed jghajjat. Qaltlu li hi dahlet w ghalqet il-bieb tal-hanut u sid il-hanut Josephine Cassar, dahlet warajha. Qaltlu li Josephine Cassar bdiet tghidilhom biex ma jidhlux hemm ghaliex kellha n-nies b'referenza ghal Joseph Portelli u l-imputat. Maryanne Cini qaltlu wkoll lix-xhud li

hi harget minn bieb iehor u barra ma rat lil hadd u dahlet fid-dar taghha. Maryanne Cini qaltlu li hi ma semghet ebda sparatura.

Ix-xhud zied jghid li meta tkellem ma Armando Zammit fil-presenza ta' ommu Tanya, peress li ghandu erbatax il-sena dan qallu li hu kien fil-hanut jixtri l-iskalora u ra lil imputat gej biz-ziemel 'l fuq lejn il-pjazza u wara l-imputat kien hemm zewg karozzi mexjin bil-mod fid-direzzjoni tal-pjazza. Qallu li kien hemm Joseph Portelli wara l-imputat u xi hin l-imputat dahal fil-hanut u beda jzomm il-bieb minn gewwa u sema' hafna ghajjat. Qallu li sid l-hanut dahlitu d-dar u fil-bieb tal-entrata, n-naha ta' barra ra lil Joseph Portelli b'xi haga f'idu qisu daqs nofs riga xi hmistax il-centrimetru pero l-kulur tal-oggett ma kienx jaf x'kien.

Ix-xhud kompla jghid li fl-ewwel versjoni li tah Armando Zammit kien qallu li xi hin kien ra lil imputat jaqbez minn fuq s-serkin pero meta reggha kellmu t-tieni darba xi jiem wara dejjem fil-presenza ta' ommu, dan Armando Zammit kien qallu li f'xi hin kien ra lil imputat jidhol fil-hanut u ma regghax qallu li kien rah jaqbez minn fuq s-serkin.

PS 1424 Mario Xiberras kompla jghid li meta kellem lil Joseph Portelli fil-garaxx tieghu kien qallu li hu kien gej mill-insib sejjer lejn r-Rabat ghand xi hanut tal-Giezu, u waqt li kien qed isuq kien hemm xi karozza miexja bil-mod u waqfet u pparkjat fuq l-lemin. Imbaghad kien hemm l-imputat xi hamsa w tletin pied boghod biz-ziemel jhares lura, l-imputat waqaf, nizel minn fuq s-serkin, Joseph Portelli kien ghadu fil-vann, l-imputat dawwar z-ziemel lejn il-lemin lejn d-djar, qabadlu r-riedni liz-ziemel u dan tnafar u spicca fuq il-bonnet w il-windscreen tal-vann ta' Joseph Portelli.

Ix-xhud zied jghid li Joseph Portelli kien qallu li kif ra hekk, qabad l-wheelbrace u mar jigri wara l-imputat u dan dahal f'hanut tal-petshop. Joseph Portelli qallu wkoll ftit minuti qabel meta ghadda minn Triq Skapuccina, kien hemm l-imputat u zijuh Fredu u l-imputat kien ghamel xi nsulti izda hu ma kienx ta kazu peress li mhux l-ewwel darba li kien ghamillu hekk.

Ix-xhud qal li hu tkellem wkoll ma z-ziju tal-imputat, certu Alfred Cafai li qallu li dakinhar ghal habta tal-hamsa w kwart jew l-hamsa w nofs hu kien ghaddej hdejn l-istallel taghhom fi Triq Skapuccina, meta ghadda Joseph Portelli bil-vann u rah jaqta idu lejn l-imputat waqt li l-imputat kien hiereg biz-ziemel u l-imputat ma kien wiegbu xejn. Ix-xhud qal li meta tkellem ma Anthony Cauchi u Charlies Farrugia dawn t-tnejn kienu qalulu li ma kienu raw xejn ghaliex kienu qed jaqdu xi mara bil-pjanti.

Qal li hu fil-vann ta' Joseph Portelli bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872, kien nnotat l-windscreen miksur, fuq il-bonnet kien hemm xi daqqiet, kien hemm l-front right mudguard u fl-front left indicator u l-headlamp tan-naha tal-passiggier b'xi daqqiet. Qal li fuq il-bonnet u fuq il-windscreen fil-frame, kien hemm xi xaghar taz-ziemel. Qal li fuq il-bonnet fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem, quddiem s-sewwieq, kien hemm scratch ta' xi sitt jew sebgha pulzieni. Qal li hu ra wkoll s-serkin tal-imputat u dan kellu z-zewg tyres mifqughin u mal-kanni ta' quddiem tas-serkin fuq il-gnub kien hemm xi trab tal-gebel tal-franka. Qal li rigward l-hadid l-iehor ta' quddiem, hu ma setghax jiddistingwi jekk kienx maghawweg bid-daqqa jew hekk kien mghawweg mill-fabbrika ghaliex ma jifhimx fis-serkini. <u>Qal li fuq s-serkin ma kienx hemm impatt, ma kienx hemm zebgha mqaxxra u lanqas fuq il-bonnet ma kien hemm xi zebgha hamra</u>. Qal li ra z-ziemel b'xi griehi f'ghonqu bejn s-saqajn ta' quddiem. Ix-xhud esibixxa skizz li gie mmarkat bhala dokument H. Ix-xhud qal li quddiem il-vann ta' Joseph Portelli kien hemm xi horseshoe marks friski li hu mmarka fl-isketch li esibixxa. Meta gie muri sett ritratti markati bhala dokument CSH 3 sa CSH 19, ix-xhud ikkonferma l-hsara indikata fihom b'mod partikolari l-girfa li hemm fuq in-naha tax-xellug quddiem s-sewwieq li probabbli hija ta' naghla ta' ziemel.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed PC 1005 Mario Cordina** [fol 29] fejn qal li hu kien gie nfurmat li fi Triq Ghajn Melel kien hemm glieda u mar hemmhekk mas-Surgent 1424 Mario Xiberras. Qal li kif waslu hemmhekk proprju qabel il-knisja, ra lil Joseph Portelli kwazi

jibbrakkja lura lejn il-knisja bil-mixi fid-direzzjoni ta' Marsalforn jigifieri 'l isfel u waqqfu mieghu w indikalhom li kien hemm certu Fredu li jigi z-ziju tal-imputat li kien tiela ghalih. Qal li aktar 'l isfel kien hemm wkoll Giovann Cefai, li jigi hu l-imputat, bil-qeghda f'vettura bajda li kienet qed taghlaq t-triq kompletament. Qal li hu qal lil Joseph Portelli sabiex jidhol fil-karozza sabiex ma jersqux lejn xulxin u jiggieldu, u nizzlu l-Ghassa. Qal li hemmhekk ghamlu tfittxija fuq Joseph Portelli fil-presenza ta' PC 816 fejn ma sabu xejn fuq il-persuna tieghu. Lanqas fil-karozza ma nstab xejn.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehdet Josephine Cassar** [fol 36] fejn qalet li hi ghandha hanut fi Triq Ghajn Melel u dakinhar kienet qed isservi wara l-bank meta dahal wiehed u beda jghajjat li xi hadd kien qed jigri warajh b'revolver u qalilhom biex jidhlu 'l gewwa. Qalet li hi qabdet t-tifla z-zghira u dahlet biha gewwa u l-ohrajn dahlu warajha fid-dar li jinfed mal-hanut. Qalet li dak l-hin hi m'gharfitux minn kien, ghalkemm wara gharfitu bhala l-imputat. Qalet li kif dahlet gewwa cemplet lir-ragel u qaltlu li kien hemm ragel jghajajt fil-hanut li kien hemm xi hadd jigri warajh b'revolver u r-ragel qalilha biex taqta biex hu jkun jista jcempel lil Pulizija. Qalet li sadanitant harget tittawwal mill-bieb tad-dar biex tara jekk kienx veru li kien hemm xi hadd u rat bniedem imgeddes fid-dahla tal-bieb u qaltlu biex johrog minn hemm, u hekk ghamel w gharfitu li kien Joseph Portelli li hareg u ma kellimha xejn. Mistoqsija x'ratlu f'idejh lil Joseph Portelli x-xhud wiegbet li ma kellu xejn. Qalet li kif kellmitu fetah r-rixtellu u hareg u telaq. Qalet li mbaghad qalet lin-nies li kienu dahlu ghandha li ma kien hemm hadd wara l-bieb u li setghu jitilqu 'l barra. U wahda biss minnhom hareg ghaliex l-iehor beza johrog. Qalet li wara marret daret dawra mal-hanut biex tara jekk kienx hemm xi hadd iehor u sabet lil imputat u qaltlu "Mela int hawn" u dan qalilha biex iccempel lil Pulizija.

Qalet li hi qabdet t-telefon u fid-daqqa w il-hin qabdilha t-telefon minn idejha u cempel hu lil Pulizija. Ix-xhud kompliet qalet li qaltlu li ma kien hemm hadd barra u talbitu johrog pero l-imputat qalilha li ma xtaqx johrog

ghaliex setgha jaghti l-kaz li jkun hemm xi hadd mistohbi x'imkien. Pero fuq insistenza taghha, l-imputat hareg u hi ghalqet l-bieb warajh. Qalet li meta dahal r-ragel li hi ma kienetx gharfet, dan kien ghalaq l-bieb warajh u beda jzommu. Qalet li dak l-hin hi semghet tizbit kbir minn barra fuq il-bieb. Qalet li hi kienet rat li min kien gewwa, u cioe l-persuna li hi ma kienetx taf minn hi, kien qed izomm l-bieb minn gewwa biex ma jinfetahx. Qalet li l-bieb tad-dar taghha mal-hanut, jinfed minn wara, l-bieb tal-hanut fuq naha u l-bieb tad-dar fuq nah' ohra. Ix-xhud qalet li meta harget barra biex tara minn setgha kien hemm hi rat lil Joseph Portelli.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehdet Maryanne Cini** [fol 39] fejn qalet li hi kienet qed titkellem ma sid l-hanut darha lejn il-bieb waqt li sid il-hanut keinet qed taghmel kont, meta semghet tahbit u kocc ghajjat w il-bieb inghalaq. Qalet li min ghalqu hi ma kienetx taf ghaliex ma harsitx pero semghet lil sid il-hanut tghid lil minn dahal biex johrog 'l barra ghaliex kellha xi nies gewwa. Qalet li lilha sid il-hanut qaltilha biex tidhol fil-kcina. Qalet li mill-kcina ghaddew fl-entrata u wara li sid l-hanut ttawwlet qaltilhom li ma kien hemm haddd u li setghu johorgu.

Qalet li l-ghajjat u kliem li semghet kienu "Ghalqu l-bieb ghaliex gej jigri warajja bir-revolver." Qalet li f'ebda hin ma rat lil xi hadd bir-revolver. Qalet li hi lil persuna li dahlet fil-hanut ma rathiex pero taf li din il-persuna dahlet gewwa w ghalqet il-bieb warajha. Qalet li meta harget minghand sid il-hanut, harget mill-bieb tal-entrata, qasmet t-triq u marret f'darha. Qalet li fl-entrata hi u sid il-hanut biss kienu. Qalet li hi ma semghetx lil sid il-hanut titkellem ma dik il-persuna li kienet dahlet ghandha ghaliex sid il-hanut kienet fil-bieb n-naha ta' barra filwaqt li hi kienet 'l gewwa minnha.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed Doctor Frank Galea** [fol 43] fejn qal li hu kien gie mghajjat biex imur jara ziemel nhar s-sittax ta' Marzu 2004 fis-sebgha ta' bil-lejl fiz Zebbug. Qal li z-ziemel li ra kien qed juri diffikulta kbira biex jimxi kemm fil-parti ta' quddiem u fil-parti ta' wara u kellu xi griehi bid-demm hiereg. Qal li z-

ziemel kien fi stata hazin u jsofri u ghalhekk baghtu biex jinqatel immedjatament. Qal li din d-decizjoni li z-ziemel jinqatel hu hadha fil-kariga tieghu ta' Veterinarju. Qal li z-ziemel kellu daqqa n-naha ta' quddiem u ma setghax jimxi. Qal li z-ziemel kien taht xokk kbir u wara ezami nekroskopiku rrizulta li kellu spalla u koxxa ta' wara maqlugha, jigifieri konformi ma impatt kbir. Ix-xhud ma setghax jghid jekk z-ziemel kienx intlaqat minn wara jew le ghaliex kellu kemm n-naha ta' quddiem kif wkoll ta' wara kellu spalltu maqlugha u koxxtu maqlugha wkoll. Kellu griehi kemm fuq wara kif wkoll fuq quddiem. Biex taghmel ksur jew inkellha taqla l-ghadma ta' ziemel ifisser li dan ikun ha xi daqqa kbira, temm jghid ix-xhud. Ix-xhud ippresenta certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument FG.
Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed John Galea** [fol 47] fejn qal li hu sid vettura tal-ghamla Citroen Xantia bin-numru ta' registrazzjoni KAT 794 li kienet giet milquta minn ziemel li kien gej wahdu. Qal li dakinhar hu kien fuq il-bejt u ra z-ziemel gej wahdu jigri bis-serkin warajh u appena ghadda minn quddiem d-dar tieghu laqat il-vettura tieghu. Qal li dak l-hin kien hemm hu sid iz-ziemel li qallu li dak kien ta' huh. Qal li sid iz-ziemel kien Charlie Cafai. Ix-xhud gharaf lil imputat odjern. Qal li hu kien ha l-vettura biex tissewwa u esibixxa ricevuta tal-hsara li sofra liema dokument gie mmarkat bhala PG. Qal li l-ammont ta' hsara kien ta' wiehed w erbghin lira u tlettax il-centezmu. Qal li z-ziemel kien sfratta fi Triq il-Knisja z-Zebbug stess u li wara li laqtu bis-serkin b'kollox, iz-ziemel baqa sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehed Raymond Axiaq** [fol 56] fejn qal li hu joqghod z-Zebbug u jaghmel xoghol ta' tellar u ghandu garaxx li jismu Axiaq Garage. Qal li kien kellmu rappresentant t'insurance u qallu sabiex isewwi van Escort ta' Joseph Portelli. Qal li dan kellu daqqa fuq quddiem. Meta gie muri r-ricevuta esibit fl-atti bhala dokument "Y", ix-xhud qal li din kienet mahruga minnu fl-ammont ta' mija u disghin lira maltin.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehed PS 369 Joseph Mizzi** [fol 57] fejn qal li fis-sbatax ta' Marzu 2004

ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu mar d-dar ta' Joseph Portelli u ghamel spezzjoni fuq il-karozza bajda tal-ghamla vann Escort bin-numru ta' registrazzjoni FBG 827 u fuqha sab li kellha l-windscreen ta' quddiem miksur, mifqugh, prattikament d-daqqa kienet tidher li gie fuq in-naha tax-xufier. Qal li ra wkoll xaghar ta' ziemel imwahhal bejn il-hgieg, fuq is-saqaf tal-vann u fuq il-bonnet tieghu. Qal li dan kien twil xi centimetru u kien kulur kannella. Innota wkoll li kien hemm daqqa bejn is-saqaf u fejn taqbad il-windscreen, l-lastiku tal-windscreen in-naha ta' fuq. Il-mera ta' gewwa kienet miksura w innota wkoll li kien hemm ghafsa fuq il-bonnet u barxa ta' xi sitt pulzieri fuq il-bonnet in-naha ta' quddiem fuq in-naha tas-sewwieq. Qal li lil Joseph Portelli ma kellmux ghaliex kull ma mar jaghmel kienet spezzjoni fuq il-vann biex jikkonstata l-hsara fuqu.

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 **xehed Tony Spiteri** [fol 71] fejn qal li hu ezamina vettura tal-ghamla Citroen Xantra u din kellha daqqa zghira, tghatina fuq il-parti tan-naha tal-lemin ta' wara taghha. Ix-xhud qal li hu kien ta l-kont lil Ganni Galea u hariglu ricevuta li jinsabu esibiti fl-atti. Ix-xhud kkonferma l-kontenut taghhom. Mistoqsi biex kienet saret d-daqqa, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 **xehed Louis Vella** [fol 72] fejn qal li hu ghandu mutur li jgib in-numru ta' registrazzjoni KBC 459. Ftakar li kien hemm incident fejn kien hemm involut Escort vann u x ziemel u l-mutur kien ghadda minn fuqu. Mistoqsi xi hsara kellu fil-mutur ix-xhud wiegeb li hu jinsab f'posizzjoni li jesibixxi r-ricevuti rigwardanti l-hsarat li sofra fil-mutur pero qal li kien ghadu ma sewwihx. Ix-xhud esibixxa l-ircevuti li gew mmarkati bhala dokument Z [fol 73 et seq].

Illi nhar s-sitta ta' Jannar 2005 **xehed Armando Zammit** [fol 81] fejn, wara li gie spjegat lilu s-sinifikat tal-gurament mill-Qorti, qal li dakinhar tal-incident hu kien fil-petshop jixtri. Qal li kien hemm hu, sid il-hanut u l-imputat. Qal li meta l-imputat dahal gewwa, sid il-hanut bdiet tghajjat u dan ghaliex l-imputat dahal fil-hanut u ghalaq il-bieb warajh. Ix-xhud kompla jghid li sid il-hanut lilu dahhlitu

god-dar mill-hanut stess minn gol-kcina u hemm kien hemm Joseph Portelli wara l-bieb tad-dar taghha jigifieri ta' sid il-petshop.

Qal li hu ra lil sid il-hanut tkecci lil Joseph Portelli 'l barra u tghidlu jitlaq 'l hemm. Qal li lil imputat ma rah jaghmel xejn. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi Pulizija li kellmu ix-xhud qal li effettivament jiftakar li tkellem ma wiehed minnhom pero x'kien qallu dakinhar ma kienx f'posizzjoni jghid ghaliex kien nesa. Ma ftakarx jekk tkellimx ma Pulizija darba jew darbtejn. Qal li hlief fil-hanut ma rahx lil imputat. Mistoqsi jekk dakinhar s-Surgent kien staqsih jekk hu kienx ra lil imputat x'imkien qabel ma kien rah fil-hanut, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf x'kien staqsih s-Surgent dakinhar. Insista li lil imputat rah fil-hanut. Mistoqsi jekk kienx veru li hu kien ra lil imputat jinzel minn fuq s-serkin ix-xhud rrisponda fin-negattiv. Qal li ma rahx jinzel minn fuq s-serkin peress li kien gewwa l-hanut u ma setghax jarah. Qal li lanqas jaf jekk effettivament rahx jinzel minn fuq s-serkin, ghaliex nesa'. Qal li l-imputat dahal jigri fil-hanut u l-bieb sabbtu warajh u wara l-imputat cempel lil Pulizija. Ix-xhud qal li kien jaf li Joseph Portelli kien hemm, ghaliex kien rah minn gol-kcina waqt li kien fil-hanut jixtri l-iskalora ghal ghasafar. Mistoqsi jghid xi kliem kien effettivament qal lis-Surgent, ix-xhud qal li ma jiftakarx. Ix-xhud qal li hu jiftakar li Joseph Portelli kellu xi haga f'idu pero x'kienet ma ftakarx.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 **xehed l-imputat** [fol 91] fejn qal li nhar s-sittax ta' Marzu 2004, waqt li kien ghaddej biz-ziemel sejjer lejn il-pjazza, f'daqqa wahda ra vann abjad u mar Joseph Portelli u tah daqqa u remih mal-art. Qal li z-ziemel spicca fuq il-bonnet tal-vann. Qal li bid-daqqa li qala laqtu minn wara, mas-serkin pero nonostante dan, iz-ziemel spicca fuq l-bonnet ghalkemm s-serkin jigi wara z-ziemel. Qal li hu pprova jzomm iz-ziemel milli jitlaq billi beda jzommlu r-riedni. Qal li Joseph Portelli wara li hareg mill-vann, ipprova javvicinah b'arma tan-nar w iz-ziemel telaq jigri lejn il-jazza. Mistoqsi jekk ghamilx rapport dwar dan l-incident ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li hu dahal icempel lil Pulizija biex jinfurmhom li Joseph Portelli kien heddu b'arma tan-nar

mill-petshop. Qal li hu gera ghal hanut u ghalaq il-bieb warajh. Qal li z-ziemel imbaghad inqabad l-Ghasri u spicca b'siequ ta' quddiem u ta' wara maqlugha. Qal li hu kien mar l-isptar fejn gie nvistat mill-Professur Aquilina u li ftit tal-jiem qabel kien ghamel operazzjoni tal-appendix u li kien ghadu baqalu xi punti wara din l-operazzjoni. Qal li l-karozzi kienu pparkjati fuq in-naha tal-lemin tat-triq tieghu. Ix-xhud qal li kienet decizjoni tal-veterinarju li z-ziemel jinqatel peress li kien tilef hafna demm u miet minhabba d-daqqa li qala bil-vann. Qal li s-serkin kellu b'mitejn u hamsin lira spejjes. Qal li hu nnota lil Joseph Portelli x'hin ha d-daqqa minn wara u spicca mal-art. Mistosqi jekk semghax il-karozza gejja, x-xhud wiegeb li semghaha pero mad-daqqa. Meta gie muri r-ritratti esibiti fl-atti ix-xhud ikkonferma li kienu tas-serkin tieghu u fihom jidhru l-lasti tas-serkin mghawwgin b'habta fuq wara. Ix-xhud ma kkonfermax d-daqqa tan-naghla li tidher fuq ritratt minnhom. Qal li hu ma ra ebda xaghar taz-ziemel fuq il-vann u ma ra xejn fuq l-vann ta' Joseph Portelli. Lanqas n-naghla taz-ziemel mal-art ma ra.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda, u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputat qed jghid l-verita jew mhux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti imputati lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura mill-Pulizija biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettix.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud u dan ghaliex tkun ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' kull xhud, tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li xehed, tara fi ftit kliem

jekk dak li qed jghid xhud ghandux verament mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat, pero huwa minnu wkoll, kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar d-dsatax ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** u cioe:

*"Conflicting evidence per se, does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

Il-Qorti tinnota li x-xhud Armando Zammit ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu ghaliex filwaqt li fl-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija u cioe minn PS 1424 Mario Xiberras huwa jghidlu li ra lil imputat jinzel minn fuq serkin, meta xehed il-Qorti viva voce, jghid li ma jiftakarx li qal dawn il-kliem jew li effettivament ra lil impuat jaghmel hekk.

Huwa interessanti ghal Qorti ta' kif allegatament, skond l-imputat, kien joseph Portelli li dahal gos-serkin meta zebgha fuq il-vann ta' Joseph Portelli kulur is-serkin ma kienx hemm w in oltre lanqas hsarat vizibbli fuq wara tas-serkin ma kien hemm.

Jirrizulta pero li fuq il-vann ta' Joseph Portelli kien hemm, skond PS 1424 Mario Xiberras, xaghar taz-ziemel fuq il-bonnet fuq in-naha tax-xellug 'l quddiem, quddiem is-sewwieq u scratch marks ta'sitt jew sebgha pulzieri.

Jirrizulta wkoll li l-hadid ta' quddiem tas-serkin kien mghawweg, ghalkemm ma setghax jghid jekk kienx mghawweg bl-incident jew hareg hekk mill-fabbrika.

L-Ispettur Maurice Curmi jikkonferma li fuq il-vettura ta' Joseph Portelli zebgha hamra tas-serkin ma kienx hemm ghalkemm kine hemm xi marki homor fuq il-vetturi l-ohra li meta harab z-ziemel laqat.

PS 369 Joseph Mizzi wkoll jikkonferma li d-daqqa li kellu l-vann misjuq minn Joseph Portelli dehret fuq in-naha tax-xufier. Sab li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBG 827 misjuqa minn Joseph Portelli kellha l-wind screen ta' quddiem miksur, xaghar ta' ziemel imwahhal bejn il-hgieg fuq is-saqaf tal-vann u l-bonnet tieghu. Kien hemm wkoll daqqa bejn s-saqaf u fejn taqbad l-wind screen w l-lastiku tal-wind screen in-naha ta' fuq. Il-mera ta' gewwa kienet miksura w innota wkoll li kien hemm ghafsa fuq il-bonnet u barxa ta' xi sitt pulzieri fuq in-naha ta' quddiem fuq in-naha tas-sewwieq.

Il-Qorti tinnota li d-daqqiet li kellha l-vettura ma kienux frontali fis-sens minn hdejn il-bumper 'l fuq izda gew kogjonati minn fuq il-bonnet lejn il-wind screen. Ghalhekk huwa improbabbli li kien l-imputat li dahal fis-serkin, molto piu meta tqis li s-serkin fuq wara ma kellux daqqiet w in oltre z-ziemel qala daqqiet kbar kif iddeskriva t-tabib w z-ziemel kien quddiem is-serkin w ghalhekk kieku s-serkin kien jigi mimsus minn wara.

L-imputat wkoll ma kienx veritier meta qal li Joseph Portelli kien qed jigri warajh b'revolver ghaliex il-Pulizija ghamlet tfittxija fuqu a tempo vergine kemm fuq l-persuna tieghu kif wkoll fil-vettura misjuqa minnu u ma nstab ebda revolver. In oltre hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjni ma qal li kellu xi revolver f'idejh Joseph Portelli. Anzi kien Armando Zammit li qal li ra li Joseph Portelli li kellu xi haga f'idejh u Joseph Portelli jghid dak il-hin stess li kellu wheel brace.

F'dawn ic-cirkostnazi, ghalhekk il-Qorti thoss li l-versjoni tal-fatti kif esposta minn Joseph Portelli hija aktar kredibbli.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-impguat illum ghandu sitta w ghoxrin sena u diga nstab hati minn Qrati ohra fuq disgha akkuzi ohra dwar ksur tal-paci pubbliku, hebb kontra terzi persuni, nuqqas t'ubbidjenza lejn Ufficjali tal-Pulizija, talli kkaguna feriti ta' natura gravi, ingurji u/jew theddid lil terzi persuni u talli ghamel hsara voluntarja fuq proprjeta ta' terzi izda dan nonostante rega' qieghed quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.
Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li imputat jista jaghmel li jrid u ma jhallasx ghal ghemilu. Huwa dover tal-Qorti li zzomm bilanc bejn il-gustizzja li trid taghmel mal-vittmi li jsofru hsarat kif gara f'dan il-kaz u mal-imputat li jrid li jkollu il-gustizzja mieghu fl-ghoti ta' piena ghal ghemilu.

Il-Qorti thoss li dan l-incident huwa wiehed ikrah hafna ghaliex minhabba l-ghemil godard tal-imputat, spicca tilef hajtu ziemel li kien b'sahhtu oltre li kien hemm diversi persuni li sofrew diversi hsarat fil-vetturi taghhom u waqt l-andament tal-proceduri l-imputat ma wera ebda rimors sabiex jipprova jirrimborsja lil vittmi ghal hsarat li sofrew.

Ma hemmx dubbju li r-reat in kwistjoni kien wiehed voluntarju u rizultat ta' temperament vjolenti tal-imputat.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha tapplika piena karcerarja fuq l-imputat.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(c), 338(dd), 17(c), 20, 23, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputat PASCHALINO CEFAI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja komplessiva ta' erbatax [14] il-xahar.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nomianti f'din l-kawza, il-Qorti rat li ma gew nominati ebda periti jew esperti w ghalhekk, il-Qorti, qed tastjeni millli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Il-Qorti qed tobbliga wkoll lil imputat PASCHALINO CEFAI sabiex ma jimmolestax, ikellem u ma jingurjax lil Joseph Portelli ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas, ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------